MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 17/1997/2

Arthur Bajada
vs
L-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tat-Turizmu, Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2002 gie kjamat fir-rikors id-Direttur tad-Dipartiment tat-Turizmu

It-Tribunal,

RIKORS:
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' Gunju 1988 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-kariga ta' Field Officer I mas-Segretarjat Parlamentari ghat-Turizmu wara sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga skond OPM circ. No. 41/88 datata 24 ta' Marzu 1988 minkejja li huwa kien l-applikant l-iktar kwalifikat ghal din il-kariga, u dan sabiex inhatar minfloku bniedem semi-illitterat u attiv fil-Partit Nazzjonalista li allura kien fil-Gvern.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor li gej:

1. Ir-rikorrent applika debitament wara s-sejha ghall-applikazzjonijiet fuq imsemmija.

2. L-applikazzjoni tieghu kienet imsahha minn diversi certifikati fosthom diploma minn 'Centre Internationale de Glion' fil-Hotel and Tourism Management mill-Isvizzera (Dokument E) Diploma fil-Hotel and Catering Management ta' Malta (Dokument D), certifikati tac-City and Guilds ta' London Institute fil-Food and Beverage Service Part I & II, Alcoholic Beverages (Distinction) u Cookery for the Catering Industry.

3. Barra minn hekk ir-rikorrent kien hadem f'diversi Hotels u Restaurants f'diversi pozizzjonijiet kemm f'Malta kif ukoll fl-esteru.

4. Huwa jitkellem b'hames lingwi differenti: Malti, Ingliz, Taljan, Franciz u Spanjol.

5. L-imsemmija kwalifiki wasslu lir-rikorrent biex akkwista l-MHCIMA u nhatar mic-City and Guilds of London Institute bhala l-ewwel Local Assessor Malti ghall-ezamijiet tal-Food and Beverages Service.

6. Waqt l-interview li sarlu, l-applikant irrisponda korrettament ghas-segwenti domandi semplici li sarulu:
(a) X'xoghol kien jaghmel dakinhar (kien Officer in Charge Chambray)
(b) Dwar il-Klassifikazzjoni tal-Lukandi
(c) x'hemm mirdum taht ir-ramel fil-bajja tar-Ramla l-Hamra
(d) jekk jaqbillux bil-kwalifiki li kellu jiehu l-job li ghalih kien qieghed japplika.

7. B'ghageb kbir tieghu, meta hareg ir-rizultat, sar jaf li nhatar certu Ludgard Gatt, bniedem li mhux talli m'ghandux certifikati imma huwa semi-illitterat. Din il-persuna izda kienet familjari ma' Dottor Michael Refalo, allura s-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu, u attivista

tal-Partit Nazzjonalista. Min-naha l-ohra, ir-rikorrent kien Segretarju Distrettwali ghal Ghawdex tal-Malta Labour Party kif ukoll membru tal-Ezekutti Nazzjonali tal-istess Partit.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jirrakkomanda rimedju kompensattiv billi r-rikorrent jinghata b'effett retroattiv l-imsemmija kariga u fin-nuqqas jinghata kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

ECCEZZJONIJIET:
Ra r-risposta tal-Prim Ministru u tal-Ministru tat-Turizmu u tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Turizmu li eccepew:

Illi l-Prim Ministru u l-Ministru tat-Turizmu m'humiex il-legittimi kontradittturi ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Illi l-ilment jikkoncerna l-access ghal impieg pubbliku li kien miftuh ghall-impjegati tal-Gvern bi grad ta' mhux inqas minn Clerk I.

Hadd mill-applikanti eligibbli ghalhekk ma kien 'semi-illitterat'.

Is-sejha ghal applikazzjonijiet inharget u l-applikazzjonijiet gew ezaminati minn Bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Ir-rikorrent ghalhekk irid juri, fit-termini ta' l-Artikolu 5(3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 li huwa ezawrixxa kull mezz possibbli ghall-ksib ta' rimedju, fosthom, b'mod partikolari

r-rimedju previst bil-paragrafu 1.1.7 ta' l-Estacode kontra decizjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi l-Bord ta' Ghazla tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kien ezamina 92 applikazzjoni ghal dan il-post u r-rikorrent kien gie d-disa' wiehed.

Ghall-post kien hemm tliet vakanzi li imtlew skond l-ordni ta' klassifika tal-Bord.

Il-persuni nominati originarjament kienu Lino Debono, Joseph M. Gerada u Ludgard Gatt li gew l-ewwel, it-tieni u t-tielet rispettivament pero' wara li l-ewwel u t-tieni applikanti irrifjutaw il-kariga inhatru minflokhom Michael Vella u Ray Camilleri li kienu gew ir-raba u l-hames rispettivament.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepiet:

1. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Arthur Bajada, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilmenti relatati mal-hatriet ta' Field Officer I fil-Ministeru tat-Turizmu wara sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fl-24 ta' Marzu 1988. Il-Kummissjoni qed tirreleva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

2. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

3. Illi, minghajr pregudizzju jinghad li ghas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' vakanzi fil-grad ta' Field Officer I fil-Ministeru tat-Turizmu kien hemm tnejn u disghin (92) applikant fosthom ir-rikorrent. Tnejn u

ghoxrin (22) kienu instabu mhux eligibbli u ghaxra (10) ohra m'attendewx ghall-intervista.

4. Illi fl-ghazla li saret wara din is-sejha, fuq kriterji approvati mill-Kummissjoni, is-Sur Bajada nghata 210 marka minn total ta' 300 u gie fl-10 post fl-order of merit.

5. Illi, min din l-ghazla nhatru bhala Field Officer I tlett persuni li kienu gew fit-tielet, ir-raba' u s-sitt post skond l-order of merit wara li l-ewwel, it-tieni u l-hames kienu irrifjutaw il-hatra.

6. Illi, il-Kummissjoni kienet sodisfatta li l-proceduri u l-ghazla finali saret b'mod korrett.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

PROVI:
Illi r-rikorrent xehed li ghamel intervista ghall-kariga ta' Field Officer I mas-Segretarjat ghat-Turizmu u hass li saret ingustizzja mieghu li gie fid-disa' post minkejja l-kwalifiki. Semma li l-kwalifiki li ghandu huma: diploma mis-Centre Internationale di Glion, rikonoxxuta internazzjonalment, diploma mill-iskola ta' "Tourism Studies" u diversi certifikati tas-City and Guilds. Qal li hu jitkellem b'hames lingwi differenti; Malti, Ingliz, Taljan, Franciz u Spanjol. Spjega li l-kwalifiki tieghu wassluh biex anke jilhaq bhala Lecturer 2 fl-Institute of Tourism Studies. U wara anke sar professional officer, ma' l-istess Institute of Tourism Studies. Qal li waqt l-intervista kienu sarulu erba' domandi semplici, u kien sorpriz hafna meta kien intaghzel certu Ludgard Gatt ghax jaf li ma kellux il-kwalifiki li kellu hu. Hu hass li gie diskriminat peress li hu sal-1983, kien Segretarju Distrettwali tal-Partit Laburista, filwaqt li Ludgard Gatt kien attiv fil-Partit Nazzjonalista. Hu pprezenta dokumenti a fol 218 u 219 li juru li l-kors li

kien ghamel jinghata full accreditation. Esebixxa wkoll id-dettajli f'hiex jikkonsisti l-kors de Glion li ghamel ghal sentejn u nofs a fol 231. Ipprezenta wkoll certifikati tat-twelid u tal-mewt ta' certu Michael Vella li sar Field Officer li kien gab l-istess marki bhal Ludgard Gatt.

Xehed Vince Piccinino, rapprezentant tal-Ufficju tal-Prim Ministru, li qal wara li ezamina l-personal file tas-Sur Bajada, ma ra li hemm xejn fil-file relatat ma' l-ilment tieghu ghall-applikazzjoni tieghu ghal Field Officer I u ma sab xejn anqas, rilevanti ghar-rikorrent. Qal li jiftakar li kien fil-bord tal-Ghazla ghal Field Officer I, meta Anthony Mallia kien Chairman, imma ma jiftakar xejn dwar l-intervisti. Qal li hu kien ir-rapprezentant tal-Establishments, u li l-membri l-ohra tal-Bord kienu jirraprezentaw lid-Dipartiment tat-Turizmu. Spjega l-procedura hi li meta tohrog sejha ghall-applikazzjoni u jinhatar il-Bord tal-Ghazla, il-kap tad-Dipartiment ighaddi l-applikazzjonijiet lill-membri tal-bord. Il-Bord jipprocessa l-applikazzjonijiet, jaghmel l-intervisti, u johrog order of merit tal-applikanti u wara jaghmel rapport lill-Public Service Commission.

Xehed Lino Borg, Direttur tat-Turizmu, li pprezenta dok a fol 66, li fiha juri l-order of merit li fiha gew klassifikati l-applikanti li kienu eligibbli ghal post ta' Field Officer. Esebixxa ukoll dok a fol 68 li juri min kienu l-membri tas-Selezzjoni tal-Bord; Anthony Mallia li kien ic-Chairman, dak iz-zmien kien Principal Assistant Secretary fil-Ministeru tat-Turizmu, Joseph Lanzon, u Vince Piccinino, bhala rapprezentant tal-Ufficju tal-Prim Ministru. Semma li fis-sejha ghall-applikazzjoni, kien hemm imnizzel, li certifikati ta' 'O' u 'A' Levels jittiehdu in konsiderazzjoni, izda ma kienux necessarji. Qal li normalment li kien jigri li, l-applikanti jipprezentaw dak il-hin waqt l-intervista, c-certifikati u ma kinux jinzammu fir-records. Hu esebixxa r-rizultat tas-sejha li kienet harget ghal Lecturer I a fol 195. Semma li r-rikorrent gab 77 marka, u sentejn wara meta rega' applika ghall-istess post, kien gab 56 marka, pero` kien irrakomandat ghall-post. Hu ikkwota ukoll mis-sejha ghall-applikazzjoni, cirkolari 421/1988, li kienet tghid li ghall-post ta' Field Officer I, l-edukazzjoni, kwalifiki ta'

GCE 'O' Levels, specjalment f'lingwi barranin, u esperjenza fis-settur tat-turizmu kienu jittiehdu in konsiderazzjoni izda ma kinux necessarji. Semma li skond il-klassifika li ghamlu l-Bord dakinhar riedu "Personality / Appearance", "Knowledge of the tourism matters" u "Educational Background". Qal li fl-'Educational Background', is-Sur Bajada gab disghin fil-mija (90%), jigifieri l-kwalifiki tieghu ttiehdu in konsiderazzjoni. Zied ighid li fil-"Personality" gab hamsa u hamsin fil-mija (55%) u f'Knowledge of Tourism Matters' gab hamsa u sittin fil-mija (65%). Spjega ukoll li x-xoghol ta' Field Officer I hu li ighin l-Bord fil-klassifikazzjoni tal-lukandi, jekk humiex three star, four star jew five star. Xoghol iehor li jaraw l-ilmenti li jgib il-Ministeru tat-Turizmu fuq lukandi u ristoranti jew hmieg jew nuqqas ta' servizz tajjeb. U xoghol iehor hu li jmorru jzuru l-lukandi u ristoranti biex jaraw li l-livell taghhom hu milhuq skond il-klassifikazzjoni taghhom.

Xehed James Rizzo, li kien jahdem fid-Dipartiment jew Segretarjat tat-Turizmu mill-1987 sal-1993, u qal li jiftakar li f'Marzu 1988 kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-post ta' Field Officer I. Semma li fl-1988 kien Assistant Kap fid-Dipartiment tat-Turizmu, u qal li l-persuna li jkollha l-kariga ta' Field Officer I trid tiddiskuti man-nies bhal lukandiera, Managers ta' lukandi u ta' restaurants, u din il-kariga tezisti biss fid-Dipartiment tat-Turizmu. Zied ighid li lir-rikorrent jafu sew, u li r-rikorrent kien thalla in charge mill-kumpless ta' Chambrai. Semma ukoll li fl-1989, wara li nbdiet l-Institute of Tourism Studies kienet harget sejha ghall-applikazzjoni ghall-post ta' Lecturer II u r-rikorrent kien intaghzel u gie l-ewwel. Qal li r-rikorrent beda jghallem lill-istudenti tal-Institute of Tourism Studies li ghalhekk kellhom certi kwalifiki, u kellu ukoll certu esperjenza fil-qasam tat-Turizmu. Dwar id-diploma ta' Glion, qal li tigi ekwivalenti ftit inqas minn degree Universitarju, u hu ferm superjuri ghal GCE 'O' Level certificates. Ic-centru ta' Glion huwa rispettat u maghruf ma' l-Ewropa kollha. L-MHCIMA li rikorrent ghandu hija derivata minn Assocjazzjoni rispettata ma' l-Ewropa kollha u r-rikorrent huwa full member. Ir-rikorrent

kien jghallem ukoll f'korsijiet "service with a smile". Kien involut kemm fil-prattika kif ukoll fit-teorija.

Qal li Field Officer hu responsabbli biex jispezzjoni u jezamina Catering Establishments, Lukandi u postijiet ohra li jaqghu taht id-Dipartiment tat-Turizmu. Semma wkoll li jkollu numru ta' lmenti li jaslu m'ghand it-turisti u jrid jinvestigahom. Qal li biex persuna taghmel dan ix-xoghol, irid ikollha esperjenza fuq is-sit tax-xoghol u esperjenza li gejja minn certu tahrig. Hu kkonferma li s-Sur Bajada kien lahaq Professional Officer I f'Lulju 1992, u qal li hemm xi differenza fil-gradi bejn Professional Officer I u Field Officer I. Qal li r-rikorrent kellu certa esperjenza, billi kien responsabbli mill-arrangamenti kollha li saru Ghawdex, fil-Miss World Competition meta kien 'in charge' mill-Kumpless ta' Chambrai u anke biex ghamel id-diploma ta' Glion kellu l-esperjenza ukoll. Iddeskriva lir-rikorrent fuq xogholu, bhala persuna ta' personalita tajba li jaf imur ma kulhadd, u ma kien hemm l-ebda problema fir-rigward tax-xoghol tieghu. Ir-rikorrent kien bniedem li tista' tafda fuqu.

Xehed Lawrence Caruana, Segretarju Distrettwali ghal Ghawdex mal-Partit Laburista, li qal ir-rikorrent bejn l-1979 u l-1983 kien Segretarju Distrettwali ghal Ghawdex ma' l-istess partit, u bejn l-1980 u l-1983, kien Segretarju taz-Zghazagh Socjalisti t'Ghawdex.

Xehed Ludgard Gatt, Senior Field Officer, li qal hu qabel ma sar Field Officer I, kien jahdem fil-Public Cleansing Section, wara kien sar Chargehand, u wara Senior Field Officer. Semma li qabel ma lahaq Field Officer I, qatt ma kien ghamel xoghol mal-Gvern li kellu x'jaqsam mat-Turizmu u sal-1989, u ma kellux kwalifiki akkademici. Izda, qal li kien imexxi l-lukanda li kienet is-Saint Patrick's Hotel, li dik iz-zmien li ha l-kariga, il-lukanda kellha livell ta' 'one star'. Spjega li l-hinijiet li kellu mal-Gvern, kienu mis-sebgha (7.00am) sas-saghtejn (2.00pm) u mal-privat mit-tlieta u nofs (3.30pm) sas-siegha (1.00am). Qal li hu mar skola s-Seminarju sal-Form V, u m'ghamilx 'O' Levels. Qal ukoll li sal-1988, ma kienx attenda l-ebda kors. Zied ighid li ghalkemm ma kellux kwalifiki, kellu esperjenza

kbira f'dan il-qasam, fi prattika peress li kien jahdem f'Saint Patrick's Hotel u bars ohrajn. Qal li wara li lahaq Field Officer, ghamel xi korsijiet b'konnessjoni mat-Turizmu offruti mill-Institute of Tourism Studies, korsijiet l-Universita` u anke 'corresponding courses' ma' l-Ingilterra. Qal ukoll li veru li hu kien jahdem f'lukanda one star izda kien idur lukandi four star u five star mal-kap tieghu u minn dejjem kien jiehu interess fit-Turizmu. In kontro-ezami, qal li r-rikorrent qatt ma ghallmu.

Xehed Anthony Mallia, li kien chairman tal-Interviewing Bord, fl-1988 fi hdan il-Ministeru tat-Turizmu. Qal li hadu informazzjoni generali fuq il-kandidati, wara li ghamlu l-intervisti u taw il-punteggi wara li kkonsultaw bejniethom il-membri tal-interviewing bord, izda ma jiftakarx x'piz taw lill-kwalifiki akkademici. Qal li bhala domandi waqt l-intervisti ma kienx hemm mistoqsijiet partikolarment difficli. Qal li hu dam madwar 28 sena fit-Turizmu, u ghaxar snin minnhom kienu f'karigi gholjin fi hdan il-Ministeru tat-Turizmu, u fir-rigward ta' dokumenti u rekords li jinzammu, qal li ma jafx sakemm jinzammu. Irrisponda li ma ftakarx kif ir-rikorrent inghata hamsa u hamsin (55) marki minn mija (100) ghal 'personality and appearance'.

Xehed Joseph Lanzon, li kien membru tal-interviewing Bord fl-1988 ghall-post ta' Field Officer I. Qal li bit-terminu "Educational Background" jifhem il-kwalifiki akkademici, kif ukoll l-"ischooling background". Bhala certifikati, qal li r-rikorrent ha kwazi massimu. Dwar id-diploma de Glion li kellu r-rikorrent, qal li sema biha li hi diploma tajba, imma mhux kapaci jghid ghal liema livell hi ekwivalenti.

Xehed James Muscat li studja fl-Isvizzera f'Hotel School u l-Amerika fl-Universita` ta' Florida biex jiggradwa f'Hotel Management qal ir-rikorrent kien ghamel l-istess kors bhal m'ghamel hu fuq Hotel Management u Turizmu, izda r-rikorrent kien ghamel l-istess kors pero' warajh. Qal li l-kors ta' Glion kien bil-Franciz, ghalhekk irid ikollok konoxxenza tajba tal-lingwa. Spjega li kien kors specjalizzat u kellhom diversi suggetti, u kellhom anke dixxiplina esagerata. Semma li l-kors hu ta' tletin xahar

"Full time", li minnhom hemm sitt xhur tahrig gewwa l-industrija. Hu esebixxa stqarrija tieghu a fol 239, kif ukoll id-dokumenti li sab li huma relevanti ghas-sejha 41/88 fejn tidher is-sejha ghall-applikazzjoni a fol 242 u r-rizultat a fol 247. Semma li originarjament is-sejha kienet harget ghall-impjegati tal-Gvern biss, mill-kariga ta' clerk 'il fuq. Qal li ma kienx hemm rikjesta ghac-certifikati akkademici, izda dawn inghataw certa preferenza, hekk kif jirrizulta li certi ndividwi hadu disghin fil-mija (90%) u sitta u disghin fil-mija (96%), filwaqt li ohrajn li ma kellhomx l-ebda kwalifiki hadu minimu ta' hamsin fil-mija (50%). Zied ighid li normalment, dawn it-tip ta' applikazzjonijiet jinzammu ghal hamsa, ghaxar snin, izda meta fittex dawn l-applikazzjonijiet, ma sabhomx.

Xehed Joseph Warrington, lecturer fl-Institute of Tourism Studies li qal is-suggetti hemm fl-Institute ivarjaw, u fost ohrajn, hemm Food and Beverage Service, Food Preparation and Production, Front Office Languages u Front Office Management, Tourism Studies. Semma li x-xoghol ta' Field Officer hu ta' 'inspector' tal-lukandi. Qal li lir-rikorrent kien ighallmu u qatt ma jiftakar li kellu okkazjoni li jcanfru fuq personalita u appearance.

KONKLUZJONIJIET:
Ir-rikorrent ilmenta li meta ghall-habta ta' Gunju 1988 huwa applika ghall-kariga ta' Field Officer I mas-Segretarjat Parlamentari ghat-Turizmu wara sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga skond OPM circ. No. 41/88 datata 24 ta' Marzu 1988 ma giex moghti tali kariga minkejja li huwa kien l-applikant l-iktar kwalifikat ghal din il-kariga, u dan sabiex inhatar minfloku bniedem semi-illitterat u attiv fil-Partit Nazzjonalista li allura kien fil-Gvern.

A] Il-Prim Ministru u l-Ministru tat-Turizmu eccipew li m'humiex il-legittimi kontraditturi ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:
"Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-

rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Prim Ministru jew il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali.  Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-kawza giet istitwita kontra l-Prim Ministru jew il-Ministru tat-Turizmu. Ghalhekk il-Prim Ministru u l-Ministru tat-Turizmu mhumiex il-legittimi kontradittur1.  [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u  Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99].  Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Prim Ministru u tal-Ministru tat-Turizmu u ghalhekk jilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

B] Dwar l-eccezzjoni li Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrent, is-Sur Arthur Bajada, qatt ghamel xi petizzjoni lill-Prim Ministru kif seta' jaghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilmenti relatati mal-hatriet ta' Field Officer I fil-Ministeru tat-Turizmu wara sejha ghall-applikazzjonijiet li saret fl-24 ta' Marzu 1988, u li, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita' ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, it-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 dan it-Tribunal qal:

"Illi l-intimat qieghed isostni li l-applikazzjonijiet gew processati mill-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u ghalhekk id-Dipartiment tas-Sahha ma kellu ebda prerogattiva.  Sostna li d-dokumenti kollha ma humiex sindakabbli a tenur ta' l-Artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.  Sostna li ebda Qorti ma tista' tezamina l-procedura li intuzghat sabiex inghatat tali promozzjoni.  Ikkwota l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi:

Il-kwistjoni jekk -
(a) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;
(b) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, ufficjal pubbliku jew awtorita' bis-sahha tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 110 ta' din il-Kostituzzjoni; jew
(c) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi ufficjal pubbliku jew awtorita' ohra tkun qdiet validament xi funzjoni ohra dwar ix-xoghol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bhal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan,
ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.

Sostna li d-Dipartiment tas-Sahha ma jiehu l-ebda decizzjoni rigward hatriet jew promozzjonijiet fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha. Kull ma jaghmel hu li jfassal is-sejha ghall-applikazzjonijiet [li trid tigi approvata Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku], jirrakkomanda nies sabiex jkunu jaghmlu parti mill-Bord ta' l-Ghazla liema decizzjonijiet jistghu jigu varjati mill-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal certament jaqbel u hu obbligat isegwi dak li jghid l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni hija "sacra" u certament ma tista' ebda Qorti tmur kontra taghha. Izda ir-ragunar ta' l-intimat mhux koerenti ma' l-Att VIII tal-1997. Fl-artikolu 2 ta' l-Att il-ligi taghti definizzjoni ta' "persuna aggravata". L-artikolu 6 jitkellem dwar is-setghat tat-Tribunal u jghid hekk...:

6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li

ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehticga bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Ghalhekk persuna aggravata li tkun sofriet ingustizzja matul il-perijodu preskritt skond l-artikolu 5 (4) ghandha d-dritt titlob ir-rimedju lit-Tribunal. Fost il-kazijiet li jintitolaw persuna aggravata li titlob rimedju mit-Tribunal hemm dawk relattivi ghal hatriet u promozzjonijiet. Meta wiehed jaqra l-artikolu 5 (2) bil-fors li jasal ghall-konkluzzjoni li l-azzjoni tista' titmexxa kontra kull Dipartiment tal-Gvern jew awtorita' ohra tal-Gvern. L-artikolu 7 (9) (b) jghid li biex jasal ghad-decizzjoni jekk ilment ikunx gustifikat, it-Tribunal ghandu jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode.

Issa fl-Att VIII tal-1997 imkien ma insibu li impjegat governattiv li jsofri ingustizzja dwar hatra jew promozzjoni ma jistax jippromwovi rikors quddiem it-Tribunal. Lanqas imkien ma nsibu li l-persuna aggravata minhabba nuqqas ta' hatra jew promozzjoni trid tistitwixxi l-proceduri kontra l-Kummissjoni dwar is Servizz Pubbliku. Li kieku l-legislatur ried hekk kien jghid dan - "Ubi lex voluit, dixit". Meta t-Tribunal jezamina talba dwar allegata ingustizzja relattiva ghal hatra jew promozzjoni ta' impjegat governattiv, dan ma jkunx qieghed b'ebda mod jezamina jekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha mill-Kostituzzjoni. Tant kemm hu hekk li dan it-Tribunal mhu sejjer qatt

jazzarda jghid li xi hatra jew promozzjoni moghtija mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mhix valida. Izda dan ma jeskludix li bhala rizultat ta' tali hatra jew promozzjoni ma jistax ikun hemm minn ibaghti ingustizzja. Hu ghalhekk li dan it-Tribunal ghandu l-obbligu li jindaga dwar allegati ingustizzji.

Interessanti ukoll hu dak li jghid l-artikolu 5 (3) u cioe`:

(3) (a) Dan l-Att ma japplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.
Fl-Ewwel Skeda - Taqsima A ma hemmx imnizzla l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din tissemma fl-artikolu 5 (3) (b) li taghmel referenza ghat-Taqsima B.

Ta' min josserva li meta fil-kaz ta' hatra jew promozzjoni t-Tribunal jilqa' talba u jistabbilixxi li saret ingustizzja, ir-rakkomandazzjoni ghall-implimentazzjoni tad-decizzjoni ma ssirx lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 7 (11) jsemmi li jkun id-dmir tal-Prim Ministru li jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tat-Tribunal.
Importanti wkoll hi li l-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 110 (1) issemmi li s-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi… tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-artikolu 112 (1) tal-Kostituzzjoni jsemmi li:
"Is-setgha li jaghmel hatriet bi trasferiment lil u mill-karigi li ghalihom dan l-artikolu jghodd tkun fil-Prim Ministru li jagixxi wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku..."

Illi ghall-istess motivi jichad din l-eccezzjoni tal-intimat.

C] Il-meritu tal-kaz. Wiehed ghalhekk irid jezamina jekk l-ilment tar-rikorrent ghandux bazi. Il-marki allokati mill-Bord tal-Ghazla kienu divizi fi tlett sezzjonijiet:
1. Personality / Appearance
2. Knowledge of Tourism Matters
3. Educational Background
Kull sezzjoni kella mitt marka allokata u r-rikorrent gab 55, 65, u 90 rispettivament b'total ta' 210 u gie klassifikat fid-9

post. Ilmenta specjalment dwar Ludgard Gatt li gab 82, 85, u 50 b'total ta' 217 u spicca fit-tielet post.

Kull aspett irid jigi ezaminat separatament u t-Tribunal sejjer jibda bl-ahhar aspett u cioe' Educational Background. Ludgard Gatt stess isemmi dwaru li kwalifici akademici ma kellux. Kien dahal bhala supervisor mal-Gvern u qabel il-hatra kien chargehand. Kien jahdem fil-Public Cleansing li llum jaqa' taht id-Dipartiment tal-Ambjent. Kien mar skola s-Seminarju sal-Form V, u m'ghamilx 'O' Levels. Sal-1988, ma kienx attenda l-ebda kors u ma kellux kwalifiki.

Minn-naha l-ohra r-rikorrent kellu:
a. Diploma minn 'Centre Internationale de Glion' fil-Hotel and Tourism Management mill-Isvizzera (Dokument E)
b. Diploma fil-Hotel and Catering Management ta' Malta (Dokument D),
c. Certifikati tac-City and Guilds ta' London Institute fil-Food and Beverage Service Part I & II, Alcoholic Beverages (Distinction) u Cookery for the Catering Industry.
d. Huwa jitkellem b'hames lingwi differenti: Malti, Ingliz, Taljan, Franciz u Spanjol.
e. L-MHCIMA u nhatar mic-City and Guilds of London Institute bhala l-ewwel Local Assessor Malti ghall-ezamijiet tal-Food and Beverages Service.

Ma hemmx bzonn ta' elaborazzjoni zejda biex wiehed jinduna li l-allokazzjoni tal-marki f'dan il-kamp u cioe` li l-marka tar-rikorrent ghandha toghla u dik ta' Gatt ghandha tinzel.

Izda l-aktar aspett fejn dan johrog manifest huwa dwar l-allokazzjoni tal-marki riferibbli ghal Knowledge of Tourism Matters. Hawn ir-rikorrent inghata biss 65 waqt li Gatt 85. U kif jista' jkun li bniedem tant kwalifikat fit-Turizmu, u li kien lecturer, u kellu esperjenza tajba fil-prattika jgib anqas minn Gatt. Interessanti li wiehed jezamina dak li xehed James Rizzo, li kien jahdem fid-Dipartiment jew Segretarjat tat-Turizmu mill-1987 sal-1993, u qal li lir-rikorrent jafu sew, u li r-rikorrent kien thalla in charge mill-

kumpless ta' Chambrai. Semma ukoll li r-rikorrent kien fl-1989 gie l-ewwel u intaghzel ghall-post ta' Lecturer II wara li nbdiet l-Institute of Tourism Studies. Qal li r-rikorrent beda jghallem lill-istudenti tal-Institute of Tourism Studies li ghalhekk kellhom certi kwalifiki, u kellu ukoll certu esperjenza fil-qasam tat-Turizmu. Dwar id-diploma ta' Glion, qal li tigi ekwivalenti ftit inqas minn degree Universitarju, u hu ferm superjuri ghal GCE 'O' Level certificates. Ic-centru ta' Glion huwa rispettat u maghruf ma' l-Ewropa kollha. L-MHCIMA li rikorrent ghandu hija derivata minn Assocjazzjoni rispettata ma' l-Ewropa kollha u r-rikorrent huwa full member. James Muscat li studja fl-Isvizzera f'Hotel School u l-Amerika fl-Universita' ta' Florida biex jiggradwa f'Hotel Management qal li r-rikorrent kien ghamel l-istess kors bhal m'ghamel hu fuq Hotel Management u Turizmu. Qal li l-kors ta' Glion kien bil-Franciz, ghalhekk irid ikollok konoxxenza tajba tal-lingwa. Spjega li kien kors specjalizzat u kellhom diversi suggetti, u kellhom anke dixxiplina esagerata. Semma li l-kors hu ta' tletin xahar "Full time", li minnhom hemm sitt xhur tahrig gewwa l-industrija.

Minn-naha l-ohra Ludgard Gatt li gie moghti 20% aktar marki f' dan l-aspett kien jahdem fil-Public Cleansing Section u qabel ma lahaq Field Officer I, qatt ma kien ghamel xoghol mal-Gvern li kellu x'jaqsam mat-Turizmu. L-unika konnessjoni mat-Turizmu ta' Gatt kienet li "part time" kien imexxi l-lukanda li kienet is-Saint Patrick's Hotel, li dik iz-zmien li ha l-kariga, l-lukanda kellha livell ta' 'one star'.

Dwar il-marki allokati ghall-personalita` it-Tribunal jista' jghid biss dwar dawk li gew allokati lir-rikorrent u cioe` 55% li certament kien haqqu ahjar. Fil-kors tal-kawza tnejn mill-interviewing board ma setghux jaghtu spjegazzjoni ghal dik il-marka.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss li saret ingustizzja manifesta mar-rikorrent. Jichad l-eccezzjoni tal-intimati ghal dawn il-motivi, u jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Field Officer I mat-

Turizmu kif ukoll li jithallas tlett elef lira [LM3000] bhala kumpens.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------